# Intietef Mostin

**Anniversarji:**

• 1130 sena ilu l-Għarab ħadu l-Gżejjer Maltin mingħand il-Biżantini. Dak iż-żmien il-Mosta kienet għadd ta' rħula żgħar b'popolazzjoni bejn l-10 u l-50 ruħ il-wieħed. Uħud minn dawn l-irħula kienu Raħal Kalleja, Raħal Sir, Pessa, Dimag u Raħal Ħabula.

• 580 sena ilu, il-popolazzjoni tal-Mosta kienet madwar 480, minn dawn 95 raġel kienu obbligati jservu fid-Dejma. 425 sena ilu l-popolazzjoni telgħet b'mitt ruħ, 355 sena ilu laħqet l-1214, fl-intervall ta' għoxrin sena niżlet għal 1181. 320 sena ilu kienet 1300.

• Mal-miġja tal-Kavallieri 470 sena ilu, l-istorja ta' pajjiżna ħadet xejra ġdida. 435 sena ilu intemm l-Assedju. Il-Mostin iġġieldu kontra t-Torok fil-battaljun magħmul mill-Mostin, Naxxarin u Għargħurin, b'590 raġel, it-tielet l-akbar wieħed fil-pajjiż. Nafu li Mustafà, fil-bidu, kellu l-ħsieb jiġbor is-suldati tiegħu f'Ta' Mlit; li fit-30 ta' Marzu saret battalja fil-Mosta u li qabel mat-Torok telqu għal kollox minn Malta nġabru kollha n-naħa ta' Durumblat (ħdejn it-Torri Kumbo).

• Din is-sena jaħbat l-425 anniversarju mill-miġja tad-Delegat Appostoliku Mons. Pietro Dusina. Mir-rapport tal-viżta tiegħu fit-30 ta' Jannar, 1575 joħorġu dettalji interessanti, l-aktar dwar il-knejjes tal-post. Fil-Mosta kien hemm 116-il dar għadhom jagħmlu mal-parroċċa tan-Naxxar. Il-Mosta kien fiha mal-580 ruħ. Il-knisja ddedikata lill-Assunta kienet xierqa. L-obbligu tal-quddiesa f'din il-knisja kien għal jum il-festa u kienet titqaddes fl-altar maġġur. Il-knejjes żgħar li jissemmew — San Ġakbu, Santa Katarina, San Pawl, il-Lunzjata, San Nikola, San Anard, Santa Margerita, San Ġakbu, Santa Marija u San Mikiel — għad li kellhom altar, xejn ma kienu miżmuma tajjeb, tant li wħud lanqas kellhom bieb ta' barra. L-art kienet taċ-ċangatura. Kien jieħu ħsiebhom xi bidwi li kellu r-raba' qrib. Ta' San Pawl biss kien jieħu ħsiebha qassis. Is-sagramenti fil-Mosta kienu jiġu




L-attakk fuq il-Forti San Mikiel, 27 ta' Ġunju, 1565 — Matteo Perez D'Alecccio, affresk fil-Palazz, Valletta

➡ ikompli paġna 31


# Mifsud Aluminium
**WORKS**

**Anthony Mifsud**

For all kinds of Aluminium Windows, Doors, Adjustable Louvers, Stair Railings, Gates ect

**Call us at:**

**4, New Street in Naġġar Street, Industrial Estate, Mosta**

**Tel: 419998 • Fax: 419998 • Mobile: 09420099**

# Intietef Mostin

➡ minn paġna 30

amministrati mill-kappillan tan-Naxxar. L-għan taż-żjara ta' Mons. Dusina kien li jsewwi d-differenzi li dak iż-żmien inqalgħu bejn il-Granmastru La Cassière u l-Isqof Martin Royas. Kien il-Granmastru li talab lill-Papa Girgor XIII biex jibgħat medjatur.

• L-ewwel kappillan tal-Mosta Dun Ġwann Bezzina nħatar 390 sena ilu. Ħames snin wara, l-Isqof Baldassare Cagliares żar il-parroċċa tal-Mosta. Għall-żjarat oħra, ara **Programmi 1993** u **1994** ta' l-Isqof Molina, u ta' Alferan de Bussan fil-**Programmi 1995-6-8.**

• 390 sena ilu bdiet tiffunzjona bħala parroċċa għaliha wara li fl-1608 kienet infirdet mill-Matriċi tan-Naxxar. It-territorju li messha tant kien ristrett li l-Mosta sabet ruħha mħaxkna bħal morsa bejn territorji bil-wisq akbar tal-Katidral ta' l-Imdina u tan-Naxxar. Il-limiti tal-Katidral kienu jestendu sa l-Imtaħleb, il-Baħrija, Fomm ir-Riħ, l-Imġarr, Tal-Virtù, il-Biżbeżija, Wied il-Qlejja u Buqana. Jagħmlu man-Naxxar insibu ż-Żebbiegħ, Buġibba, Għajn Tuffieħa, l-Aħrax tal-Mellieħa, Burmarrad u s-Salina. Manuskritt forma ta' ktieb (sal-1930 kien fl-arkivju tal-Knisja tan-Naxxar u wara propjetà tal-Kav. Ġużè Galea) juri fi tliet kuluri t-taqsimiet tal-parroċċi kif definiti fl-1783 wara t-tilwima li l-kappillan tal-Mosta Dun Salvu Borg kellu ma' l-Arċipriet tal-Katidral u l-Kappillan tan-Naxxar dwar il-konfini. Fl-1991 dan il-manuskritt tal-mejjet G. Galea ġie rkantat u l-parroċċa tan-Naxxar reġgħet xtrat dak li darba kien tagħha għas-somma ta' Lm430.

• Il-knisja ta' l-Isperanza nbniet 240 sena ilu fuq l-għar marbut mal-leġġenda tat-tfajla tal-wied.

• 235 sena ilu Rokku Buhagiar pitter il-kwadru tal-Verġni ta' l-Isperanza.

• 200 sena ilu ġew l-Ingliżi f'Malta. Fl-irħula bdew jinħatru ilwogotenenti (bħal sindki). L-ewwel wieħed fil-Mosta kien Ġammari Chetcuti. Ma nafux b'oħrajn li ġew warajh. Fil-Mosta hemm lokal magħruf bħala Ġnien il-Kmand. 195 sena ilu l-Mosta, flimkien ma' Ħad-Dingli, Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi, saru distrett immexxi mill-Baruni Baldassare Sant.

• 160 sena ilu l-Mosta u l-pajjiż kollu ntlaqtu minn nixfa kbira li ġabet magħha tbatijiet kbar għall-poplu.

• 150 sena ilu nfetħet skola f'dar mikrija fi Triq Kurat Calleja. Is-surmast Dun Tumas Chetcuti kellu salarju ta' ħamsa u tletin lira fis-sena. Is-sinjora Marija Calleja kell-ha għoxrin lira.

• Ġamri Camilleri mgħallem u bennej ta' sengħa kbira twieled 140 sena ilu. Fost ix-xogħlijiet tiegħu jissemmew il-pont fuq il-Wied ta' l-Isperanza u l-knisja parrokkjali ta' l-Imġarr.

• Fi Frar ta' 140 sena ilu tlesta l-bini tar-Rotunda.

• 140 sena ilu Salvu Barbara kabbar il-kwadru ta' l-Assunta biex jitqiegħed fir-Rotunda. Fis-26 ta' Frar, 1860, Mons Mikiel Anġ Mifsud qaddes l-ewwel quddiesa fir-Rotunda li kienet għadha kemm tlestiet.

• 125 sena ilu miet Mastru Anġ Gatt, il-bennej tar-

➡ ikompli paġna 33

GAUDA192

192, MAIN STREET, MOSTA TEL: 434846

TOP QUALITY
BOTTOM PRICES
EVERYDAY

# Intietef Mostin

➡ minn paġna 31



Rotunda u ndifen fl-istess knisja.

• Is-surmast tal-banda Ġanni Vella twieled 110 snin ilu u miet 45 sena ilu. Kien solist tat-trunbun mill-aqwa, kompożitur u surmast ta' ħafna baned. L-aktar li dam mal-Banda Nicolò Isouard, għal 25 sena sħaħ.

• Riżultat ta' tilwima li nqalgħet 95 sena ilu, xi ban-disti nfirdu mis-Soċjetà Nicolò Isouard u fetħu każin għalihom li semmewh *Circolo Unione*.

• 85 sena ilu tlesta l-iċċangar bl-irħam tas-sagrestija li sewa 76 lira, taz-zokklatura ta' l-irħam taħt il-Via Sagra bi spiża ta' 30 lira. Iżżanżnu għall-ewwel darba fil-festa ta' Santa Marija ta' l-1925, seba' kappepirrakmati li swew 456 lira u dwal fuq iz-zuntier għas-somma ta' 70 lira.

• 80 sena ilu bdiet tinbena l-knisja tal-Bidnija (mill-1950 'l hawn fil-limiti tal-Mosta) fuq il-pjanta ta' Salvu Zahra. Il-knisja hi ddedikata lis-Sagra Familja. Fl-inħawi tal-Bidnija f'Wied Qannotta is-Soċjetà tagħna għandha l-Kamra tan-Nar.

• 80 sena ilu G. M. Camilleri Borg laħaq surmast ta' l-iskola tas-subien tal-Mosta. Wara disa' snin laħaq spettur ta' l-iskejjel. Għaxar snin wara, Dun Girgor Borg laħaq Arċipriet tal-Mosta. Fi żmienu sar fir-Rotunda l-Kungress ta' l-Isem Imqaddes t'Alla. Dik is-sena, 70 sena ilu EB Vella kiteb **L-Istorja tal-Mosta bil-Knisja Tagħna.** Twaqqfet ukoll ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla.

• 70 sena ilu fuq disinn ta' Salvu Zahra beda t-tqattigħ tal-kwadretti fil-koppla tar-Rotunda. Ħallas għal dan ix-xogħol il-benefattur Karmnu Dimech. L-armar il-kbir, l-akbar fi żmienu, indaħal għalih Tusè de Maria.

➡ ikompli paġna 34




# Intietef Mostin

➡ minn paġna 33



L-Oratorju Qalb ta' Ġesù li kien inawgurat 60 sena ilu

• 65 sena ilu miet it-Tabib Temi Zammit. Kien tal-fehma li l-kelma Mosta ġejja minn kelma Għarbija li tfisser fin-nofs, billi l-Mosta tinsab f'nofs il-gżira. Kiteb ukoll dwar il-ħofor (ir-raddi) tar-roti li hemm f'Misraħ Għonoq u fin-naħat tal-pont u Santa Margerita. Dehra ta' kuljum li wieħed kien jara dak iż-żmien kien il-bejjiegħ tal-ħalib minn bieb bieb fit-toroq tagħna. Meta Temi Zammit sab li l-mikrobu tad-deni rqiq jinsab fil-ħalib tal-mogħoż, dix-xena qajla qajla għabet mill-ibliet u l-irħula tal-gżejjer tagħna.

• 65 sena ilu t-tim tal-*football* tal-Mosta ħa l-ewwel sehem f'logħba kompetittiva organizzata mill-MFA.

• X'ġara 60 sena ilu?

• Ġie inawgurat l-Oratorju l-ġdid tal-Qalb ta' Ġesù bit-tħabrik ta' Dun Karm Sciberras. Xogħol il-Perit Nettu Mifsud Ellul u Salvu Zahra.

• Sar l-ewwel attakk mill-ajru mit-Taljani. Sena wara l-ewwel vittma tal-gwerra fil-Mosta, ċertu Wenzu Tabone.

• 50 sena ilu miet Dun Karm Sciberras. Hu bena l-Oratorju, laħaq Arċipriet u ħa d-deċiżjoni kontroversjali li jirranġa l-istatwa ta' l-injam ta' l-iskultur Mosti Salvu Dimech.

➡ ikompli paġna 35

Dolcezza
Caterers for all occasions
Dolceria and Cafeteria
172, Main Street, Mosta Tel. 430494
Jixtieq il-Festa t-Tajba lill-Mostin kollha

# Intietef Mostin

➡ minn paġna

• Wara li kien ilha sinjora ta' l-iskola tal-bniet tal-Mosta għal 29 sena Carmena Sammut irtirat 45 sena ilu.

• 40 sena ilu Dun Bert Bezzina laħaq Arċipriet, miet Salvu Zahra, saret Akkademja Pawlina fir-Rotunda taħt il-presidenza tal-Kardinal Alojsu Muench. Inbeda x-xogħol biex issir qoxra tar-ram fuq il-koppla, li swiet ftit anqas minn sitt elef lira. Fl-1950 il-Papa Piju XII iddefinixxa d-Domma ta' l-Assunzjoni.

• 30 sena ilu miet Walter Salamone, Ministru Mosti mal-Partit Kostituzzjonali.

• 25 sena ilu saret l-Inkurunazzjoni tal-kwadru titolari ta' l-Assunta fir-Rotunda. Infetħu l-ewwel klassijet tal-kindergarten fil-Mosta.

• 15-il sena ilu, il-Maġġur Joe Vella, MBE, fetaħ Wirja Fotografika fil-Każin Santa Marija. Ħadu sehem erba' fotografi b'sittax-il ritratt kull wieħed. Joe Attard minn Ħaż-Żabbar u li joqgħod il-Mosta, Mario Mintoff, imwieled il-Belt u joqgħod il-Mosta, Paul D. Saliba minn San Pawl il-Baħar u joqgħod il-Mosta u Joe Vella mill-Mosta. Il-wirja damet miftuħa bejn is-26 u d-29 ta' Diċembru, 1985.



Toni Camilleri ħalla mitt elf Dollaru Amerikan biex issir il-pittura bejn it-twieqi tat-tanbur fir-Rotunda

• 10 snin ilu, f'Lulju 1990, Toni Camilleri għalaq mitt sena. Mosti li fl-1913 emigra fl-Amerika u kien benefattur kbir, l-aktar tar-Rotunda. Kemm-il darba ta donazzjonijiet ta' flus. Żgur li l-aktar waħda importanti kienet l-għotja ta' mitt elf dollaru Amerikan bil-għan li ssir il-pittura fit-tanbur bejn it-twieqi. Jidher iżda li l-awtoritajiet tal-Knisja huma tal-fehma li għandhom jiddeċiedu huma kif għandhom jintefqu dawn il-flus. Fl-1985 il-każ kollu tqiegħed quddiem is-Segnatura f'Ruma (is-Sacra Rota) biex tiddeċiedi hi x'għandu jsir. Donnha waslet biex tittieħed deċiżjoni. L-intenzjoni tad-donatur hi ċara u espliċita. Flusu ħalliehom għall-pittura u x-xewqa tiegħu għandha tiġi rrispettata. Kellu dritt jiddeċiedi kif jintefqu flusu, fil-każ l-awtoritajiet ħasbuha mod ieħor, messhom dakinhar ma aċċettawhomx jekk mhux bil-kundizzjonijiet tagħhom. ■

*J. J. Camilleri*



Il-proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Assunzjoni — panew fil-bankun ta' l-istatwa ta' l-Assunta, xogħol fil-bronż ta' Carlo Pisi

Ronfleur
For all kinds of flowers
5, K. Schembri Street, Mosta
Tel: 413260
59, St. Augustine Street, Rabat
Tel: 450489 Fax: 455602